**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**
**AVVIŻI 6 TA' OTTUBRU 2019**

***Seminar* għall-ġenituri u l-parrini tal-Adolexxenti li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof**
Illum is-Sibt u għada l-Ħadd fis-Sala Sant'Anna ser issir is-*seminar* għall-ġenituri u l-parrini tal-Adolexxenti li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof.

**Magħmudija Komunitarja**
Għada l-Ħadd 6 ta' Ottubru 2019 issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fl-10:15am.

**Għaqda Nisa Sant'Anna**
It-Tnejn 7 ta' Ottubru 2019 fid-9:30am jibda l-Grupp tan-Nisa Sant'Anna biċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali u wara jkomplu bil-laqgħa fis-Sala Sant'Anna.

**Seminar għall-Operaturi Pastorali**
Il-Ġimgħa 11 ta' Ottubru 2019 ser norganizzaw Seminar għall-Operaturi Pastorali jiġifieri għall-persuni kollha involuti fil-Parroċċċa tagħna. Niltaqgħu għall-Quddiesa tas-6:30pm u wara ninżlu fis-Sala Sant'Anna u nibdew il-laqgħa flimkien. Jekk jogħġobkom idħlu fis-sagristija u ħudu karta ta' applikazzjoni.

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**
Is-Sibt 12 ta' Ottubru 2019 fil-Knisja Parrokkjali tal-Immakulata Kunċizzjoni, l-Ħamrun, fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11.00pm.

**Quddiesa fil-bidu tas-Sena Kateketika fiċ-Ċentru tal-Katekiżmu tal-Munxar**
It-Tnejn 14 ta' Ottubru 2019 fis-7.00pm tibda quddiesa għat-tfal flimkien mal-ġenituri tagħhom li jattendu fiċ-Ċentru tal-Katekiżmu tal-Munxar.

**Kummissjoni Djakonija**
It-Tnejn 14 ta' Ottubru 2019 fis-7:30pm tiltaqa' l-Kummissjoni Djakonija fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**Tberik tal-Familji**
It-Tlieta 15 ta' Ottubru 2019 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji **fi Triq il-Ħortan.**

**Kummissjoni Liturġija**
Il-Ħamis 17 ta' Ottubru 2019 fil-5.00pm tiltaqa' l-Kummissjoni Liturġija fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**Laqgħa ta' tħejjija mill-qrib għall-għarajjes**
Il-Ġimgħa 18 ta' Ottubru 2019 fis-7:00pm fis-Sala Sant'Anna ser issir laqgħa ta' tħejjija mill-qrib għall-għarajjes li ser jiżżewġu bejn Jannar u Ġunju 2020. *Bookings* mill-Uffiċċju Parrokkjali.

***Afternoon Tea* fis-Sala Sant'Anna**

Il-Ħadd 20 ta’ Ottubru 2019 fit-3:00pm fis-Sala Sant’Anna jibda *Afternoon Tea*.

**Rużarju f’Ottubru**
Niftakru li matul dan ix-xahar ta’ Ottubru, fis-5:55pm (qabel il-quddiesa tas-6:30pm), jintalab ir-Rużarju quddiem Ġesù Sagramentat. Nhar ta’ Sibt jibda wara l-quddiesa tas-6:30pm u l-Ħadd jibda fil-5:25pm. Inħeġġukom sabiex bħala familja titolbu t-talba tar-Rużarju flimkien.

**Bazaar**
Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella’ l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.

**Fuljett ‘Flimkien’**
Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta’ Ottubru 2019. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.